MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 217/2006

**-Pulizija**
**(Spt. R. Mercieca)**

**Vs**
Sergio Farrugia

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 t'April, 2006 ghall-habta tal-18.00 hrs u fil-jiem ta' qabel din id-data :**
**1) zamm fir-residenza tieghu "The Stonecrop", Triq Esprit Barthet, Swieqi, l/t Madliena, kelb ta' l-eta' ta' sitt xhur jew izjed minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;**
**2) naqas li zzomm il-kelb taht kontroll u dan gidem lil Nathaniel Camilleri u kkagunalu griehi ta' natura**

**hafifa skond ma ccertifika Dr. Gregory Attard ta' St. James Hospital;**
**3) b'hekk sar recidiv b'sentenza definittiva tal-Qorti moghtija mill-Magistrat J. Apap Bologna LL.D datata 28 ta' Marzu, 2006.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 3 (1)(2), 14(1)(2)(3) tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-akkuzi u kkundannatu ghal ghoxrin lira Maltin (LM20) ammenda. Ordnat id-distruzzjoni tal-kelb skond kif saret it-talba mill-prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Gunju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet htija fl-appellant u ghal konsegwenti ammenda ta' LM20, tirrevokaha fir-rigward ta' fejn ordnat id-distruzzjoni tal-kelb.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant li jirrigwardaw biss id-distruzzjoni tal-kelb ordnata mill-Ewwel Qorti, huma s-segwenti :- 1. li l-kelb de quo mhux wiehed perikoluz. Dan hu *"pet"* li fil-konfuzjoni li kien hemm waqt festin bit-tfal jigru mieghu, u forsi jiffittawh xi ftit, gidem tifel. Ghandu jkun hemm distruzzjoni ta' kelb meta dan ikun *cane randaggio* u mhux meta jkun jghix man-nies. 2. li l-ordni ta' distruzzjoni tal-kelb ma tistax tidhol fis-sehh peress li hemm Att iehor specjali Dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap.439) li, fl-artikolu 11 u 12, jghid li l-Ministru jista' jaghmel regolamenti biex jispecifika l-kazijiet li fihom ikun permess li annimali jinqatlu w l-mod kif il-qatla ghandha ssir, min joqtol, u l-apparat li jrid jintuza, kif ukoll dwar il-metodi li annimali jigu mitlufa minn sensihom sal-qatla. Ma jirrizultax li dawn ir-regolamenti saru. Li jezisti konflitt car bejn il–ligi l-antika w cioe' l-Att dwar il-Klieb – 1985 u l-Kap.439 u din ta' l-ahhar, bhala ligi specjali, ghandha tipprevali**

**fir-rigward tad-distruzzjoni w la ma hemm ebda regolament, il-kelb ma jistax jigi distrutt. 3.li l-piena ghad-distruzzjoni tal-kelb hija wahda eccessiva.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti**

**Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-12 t' Ottubru, 2006, li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li f' dan il-kaz il-kelb, minnflok jigi distrutt, ghandu jintbaghat f' idejn l-SPCA jew, jekk dawn ma jistghux izommuh, f' idejn xi santwarju iehor tal-klieb .**

**Il-Qorti ghalhekk kienet inkarigat lill-Ispettur Ramon Mercieca, bhala ufficjal prosekutur quddiem l-Ewwel Qorti, biex jindaga fejn jista' jitpogga' l-kelb "BRUCE" jekk ma jistax jinzamm mill-SPCA.**

**Peress li aktar tard fl-istess seduta l-Ispettur Mercieca informa lil Qorti li la l-SPCA w lanqas l-Island Sanctuary ma setghu jzommu l-kelb ghax kienu mimlijin, il-Qorti iddifferiet il-kawza ghas-seduta tal-lum, bl-intendiment li sal-lum l-appellant igib *"undertaking*" bil-miktub minn xi *kennels* tal-klieb li lesti jzommu lil kelb Bruce sakemm imut, okkorrendo bi hlas, u li qatt ma jergghu jikkonsenjawh lill-appellant, u li fin-nuqqas, l-appell jigi trattat fil-mertu w tinghata sentenza.**

**Semghet lill-parte civile fis-seduta tal-lum, u cioe' lil Josanne Camilleri, omm it-tifel Nathaniel Camilleri ferut mill-kelb, li ddikjarat li ma tixtieqx tara l-kelb jigi maqtul.**

**Hadet it-taghrif mehtieg mill-appellant w gie esebit "*undertaking"* fis-sens fuq imsemmi iffirmat minn Alfred Fenech.**

**Rat il-verbal li bih Dr. Vincent Galea ghall-appellant irrinunzja ghall-aggravji kollha hlief l-ahhar wiehed.**

**Rat in-nota ta' cessjoni tal-appellant f'dan is-sens.**

**Illi in vista tal-qbil registrat bejn il-Prosekuzzjoni, parte civile w d-difiza, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun odjuz li hija tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat id-distruzzjoni tal-kelb.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati/ ja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu/ taghha u fejn ikkunndannatu / ikkundannatha ghoxrin lira Maltin (LM20) ammenda u trrevokaha fejn in vista tar-recidiva ordnat id-distruzzjoni tal-kelb skond kif saret it-talba mill-Prosekuzzjoni w minnflok in vista tar-recidiva, tordna li l-kelb Bruce jinzamm ghal dejjem sakemm imut fil-kennel ta' Alfred Fenech go AAA Sanctuary, Valletta Road, Luqa, b' dana li taht ebda cirkostanza ma ghandu jigi ritornat, konsenjat jew rilaxxjat lil u/jew fil-pussess tal-appellant jew xi membru iehor tal-familja tieghu. U, f'kaz li dan jigri bi ksur ta' din l-ordni, l-genituri ta' Nathaniel Camilleri ghandhom jinfurmaw lill-Qorti b'nota minnufih biex ikun jista' jittiehed kull provvediment opportun.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------